Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 04

It- Tnejn, 14 ta' Ottubru 2024

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Anthony Barbaro Sant

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.07pm

**05.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

05.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**05.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

05.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tar- Raba' Laqgħa.tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

05.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**05.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

05.3.1 Is- Sindku infurma lil Kunsill li l-proġett ta' installar ta' lampi dekorattivi ġewwa Howard Gardens issa tlesta.

05.3.2 Is- Sindku infurma lil Kunsill li ngħata bidu għat-twaħħil u installazzjoni ta' CCTV cameras ġewwa Howard Gardens

05.3.3 Is- Sindku nfurma lil Infrastructure Malta wara xi dewmien mhux previst, komplew bl-installar ta' dawl LED madwar is-swar ta' l-Mdina

05.3.4 Is- Sindku ta dettalji lil Kunsill fuq il-laqgħa li kellu ma' l-Onorevoli Owen Farrugia Segretarju Parlamentari ghax- Xogħolijiet Pubbliċi b'rabta mal-Framework Agreement li kien sar bejn id- Dipartiment għax- Xogħolijiet Pubbliċi u Kunsilli Lokali.

05.3.5 Is- Sindku ikkummenta fuq l-attivita' ta' L- Mdina Grand Prix fejn kien sodisfatt bl-arranġamenti li saru biex titnaqqas l-inkovenjenza lir-residenti.

05.3.6 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li ntbgħatet ittra lis-sidien tal-karozzini biex isegwu il-liġi u l-arranġamenti mposti mill-Kunsill matul iz-zmien hekk kif zdiedu l-karozzini ġewwa l-Mdina.

05.3.7 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li għamel rapport mal-Pulizija fuq il-periklu ghan--niċċa li hemm ezatt fuq l-għassa fejn qed jidhru l-konsenturi u qeda' ta' periklu għal min jgħaddi minn hemm

05.3.8 Is- Sindku poġġa fuq il-mejda tal-kamra kwotazzjoni ta' xogħolijiet extra mill-kuntrattur li kien rebaħ it-tender biex jiġu nstallati il-lampi dekorattivi fi Howard Gardens. Huwa qal li dawn kienu mprevisti li ltaqa' magħhom il-kuntrattur u li kien hemm bzonn isiru biex l-installazzjoni tkun kompluta.

05.3.8.1 L-ammont kien ta’ €1652 (anness) u fejn t-tender talloka varjazzjoni fl-ammont f’kaz ta’ bzonn. Għaldaqstant kien qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill approva dan il-ħlas la darba jkun hemm ċertifikazzjoni mill-Perit tal-Kunsill.

05.3.9 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li saret laqgħa ma’ l-avukat tal-Kunsill fejn ġiet mmodifikata l-Bye Law li tirregola l-attivitajiet ġewwa l-Mdina biex l-Mdina tkun koperta ukoll minn dawk il-Performance Buskers li jiġu l-Mdina. Din l-emenda fil-Bye Law ser tintbgħat lid-Dipartiment għal Kunsill Lokali għal approvazzjoni.

05.3.10 Is- Sindku talab lis-SE jikteb lil kumpanija Faces li huma l-kuntratturi ta’ installazzjoni ta’ Bus shelters fejn jindikalhom li bħala Kunsill ilna mis-sena 2018 nesiġu li l-bus stops li jinsabu barra l-Mdina jkollhom bus shelter fejn jistkennu l-eluf ta’ turisti u Maltin li juza is-servizzi tat- trasport pubbliku.

**05.4 Sejħa għal-offerti. Installazzjoni ta’ dust bins ġodda- Howard Gardens**

05.4.1 Is- SE infurma lil Kunsill li s-sejħa għal offerti biex jinxtraw dust bins ġodda fi Howard Gardens għalqet u li kien qed jitlob biex jiġi ffurmat il-Board ta’ Evalwazzjoni. Il-Bord ġie maħtur minn fost il-kunsilliera.

**05.5 Permessi għad-dħul ta’ Vetturi ġewwa l-Mdina**

05.5. Wara diskussjoni li saret bejn il- Kunsilliera ġie deċiz li fil-ħruġ ta’ permessi għas- sena 2025 jibqa kollox kif inhu bħas-snin l-oħra u mhux ser tinbidel ebda policy.

**05.6 Ilmenti u items oħrata’ xogħol ieħor tal-Kunsill**

05.6.1 DLG- Amministrazzjoni ta’ Propjeta Pubblika- Id- Direttorat staqsa jekk bħala Kunsill għadniex interessati li nkomplu bil-proċess ta’ devoluzjoni ta’ kamra li tinsab Palazzo Vilhena. Il-Kunsill ddeċieda li ma jkomplix għaddej bil-proċess għax ma ghadx għandu bzonnu.

05.6.2 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra BOQs ppreparati mill-Perit tal-Kunsill biex tiġi sottomessa applikazzjoni ma’l- iskema Servizz ta' Manutenzjoni Minuri f'Binjiet Pubbliċi (SPI/SCI/7/2024) .Il-Kunsill approva nem-con permezz ta’ rizoluzzjoni u ser jissottometti din l-applikazzjoni għal kunsiderazzjoni tad- Dipartiment għal Gvern Lokali.

05.6.3 AKL 2023/105- Polza tal-Assigurazzjoni tas- Sahha. Il-Kunsill ser jipparteċipa

05.6.4 Regjun Punent- Budget Proposal Workshop 2025

05.6.5 AKL 2024/056- Slowstreets. L-ittra giet nnutat mill-Kunsill

05.6.6 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra tlett kwotazzjonijiet għal xogħol ta’ bush hammering ġewwa l-Mdina li tkopri area ta approssitivament 60 metru kwadru. Il-Kunsill approva l-irħas offerta li kienet ta’ Stones & Blocks Ltd bil-prezz ta’ € 48 /metru kwardru.

**05.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

05.7.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tal- 14 ta' Ottubru 2024 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 20,296.60

04.7.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill nanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

**05.8 Tmiem tal- Laqgħa**

04.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 16.45pm u ġiet aġġornata għat-4 ta' Novembru 2024 fit-3pm.

| | |
|---|---|
| FFIRMATI | FFIRMATI |
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___4 ta' Novembru 2024__